# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Novembru 2016**

**Numru 13**

**Rikors numru 459/03 AL**

**HSBC Bank Malta plc**

**v.**

**Saviour Borg**

**Il-Qorti:**

Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mill-konvenut minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' April 2012 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, laqghet it-talba attrici u kkundannat lill-istess konvenut ihallas

lill-Bank attur is-somma komplessiva ta' €13,976.24 [gja LM6,000], bl-imghax dekorribbli in kwantu ghall-ammont ta' €11,646 [gja LM5,000] mit-23 ta' April 2001 u, in kwantu ghall-ammont ta' €2,329.37 [gja LM1,000] mit-22 ta' Frar 2002, bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut.

Il-Fatti

2. Il-fatti kif delineati fis-sentenza appellata huma s-segwenti:

> "…………….il-konvenut iffirma il-prokura illi tinsab a fol. 13 u 14 tal-process meta kien qieghed jghix Malta. Kienet cemplitlu ommu u talbitu jghin lil huh li kien ser jinzel mill-Ingilterra sabiex jigi jghix Malta. Fil-fatt huwa iffirma il-prokura u darba minnhom mar ma huh il-Mid Med Bank San Giljan fejn iffirma il-garanzija ghas-somma li kien qieghed jissellef u din kienet is-somma ta' hamest elef lira Maltin (LM5,OOO). Huh kien talbu wkoll sabiex imorru ghand nutar u ghamel hekk fejn iffirma dokument li setgha kien il-prokura. Il-konvenut xehed illi huh harab minn Malta u telaq lura lejn l-Ingilterra. Il-konvenut xehed illi kien mar ikellem lil xi hadd il-head office talBank u dan l-ufficjal tal-Bank kien spjegalu li kienet ser issir subbasta fir-rigward tal-flat ta' huh u qallu li kien ser jigi infurmat bid-data ta' din is-subbasta, izda il-konvenut xehed illi ma giex infurmat b'din id-data u ma jafx jekk saritx is-subbasta jew le. Il-konvenut ftakar illi meta iffirma xi karti fil-fergha tal-Mid Med Bank San Giljan dan kien fir-rigward ta' loan li kien ser jiehu huh mill-Bank u kien mar ma huh u hemm hekk kien gie in-Nutar Joe Tabone u talbu jiffirma d-dokument u hu hekk ghamel, [skont hu] minghajr ma ta kaz ta' dak li kien qieghed jiffirma. [Ukoll] skont il-konvenut, in-nutar ma spjegalux dak li kien qieghed jiffirma".

Is-Sentenza Appellata

3. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi irrizulta mill-provi illi il-konvenut iffirma il-prokura illi tinsab a fol. 13 u 14 tal-process meta kien qieghed jghix Malta. Kienet cemplitlu ommu u talbitu jghin lil huh li kien ser jinzel mill-Ingilterra sabiex jigi jghix Malta. Fil-fatt huwa iffirma il-prokura u darba minnhom mar ma huh il-Mid Med Bank San Giljan fejn iffirma il-garanzija ghas-somma li kien qieghed jissellef u din kienet is-somma ta' hamest elef lira Maltin (LM5,000). Huh kien talbu wkoll sabiex imorru ghand nutar u ghamel hekk fejn iffirma dokument li setgha kien il-prokura. Il-konvenut xehed illi huh harab minn Malta u telaq lura lejn l-Ingilterra. Il-konvenut xehed illi kien mar ikellem lil xi hadd il-head office tal-Bank u dan l-ufficjal tal-Bank kien spjegalu li kienet ser issir subbasta fir-rigward tal-flat ta' huh u qallu li kien ser jigi infurmat bid-data ta' din is-subbasta, izda il-konvenut xehed illi ma giex infurmat b'din id-data u ma jafx jekk saritx is-subbasta jew le. Il-konvenut ftakar illi meta iffirma xi karti fil-fergha tal-Mid Med Bank San Giljan dan kien fir-rigward ta' loan li kien ser jiehu huh mill-Bank u kien mar ma huh u hemm hekk kien gie in-Nutar Joe Tabone u talbu jiffirma d-dokument u hu hekk ghamel, minghajr ma ta kaz ta' dak li kien qieghed jiffirma. Skond il-konvenut, in-nutar ma spjegalux dak li kien qieghed jiffirma.

"Ikkunsidrat :

"Illi jirrizulta illi hemm zewg ammonti illi ghadhom dovuti minn Ignatius Borg u martu Pamela Borg. Ammont minnhom huwa overdraft account u il-bilanc dovut lill-Bank huwa ta' tlettax il-elf tmien mija sebgha u disghin lira Maltin u erbatax il-centezmu (LM13,897.14), oltre l-imghaxijiet legali mill-1 ta' Ottubru 2003 u l-ammont l-iehor huwa dovut rigward overdraft account iehor u l-ammont hu ta' sitt elef hames mija u disa liri Maltin u disa u erbghin centezmu (LM6,509.49), oltre l-imghaxijiet legali mit-2 ta' Ottubru 2003.

"Ill il-bank attur esebixxa kopja awtentikata ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Tabone tal-14 ta' Marzu 1995 li permezz tieghu il-Bank attur silef l-ammont ta' hamest elef lira Maltin (LM5,000) lil Ignatius u Pamela Borg u il-konvenut odjern tramite prokura tal-istess data ikkostitwixxa garanzija ipotekarja fuq il-fond Casaurina, St George's Junction, St Julians.

"Illi l-Bank attur esebixxa rendikont li permezz tieghu indika kif is-somma ta' seba u ghoxrin elf mija u erbgha u tmenin lira u tmienja u disghin centezmu (LM27,184,98) giet imputata.

"Illi s-somma imsemmija kienet ir-rikavat ta' subbasta. Il-konvenut xehed illi kien jaf illi huh kien qieghed jissellef is-somma ta' hamest elef lira (LM5,000) mill-bank u dan kien overdraft account u huwa kien ta ipoteka lill-Bank fuq id-dar tieghu sabiex jaghmel garanzija ghad-dejn ta' huh. Il-konvenut xehed illi flok iffirma hu ghall-ipoteka kien iffirma huh illi kellu il-prokura tieghu. Il-konvenut xehed illi apparti illi ghamel tajjeb bid-dar tieghu, ghamel tajjeb ukoll b'kont illi kellu fil-

munita sterlina. Il-konvenut xehed illi n-negozju ta' huh sussegwentement falla u huh harab lejn l-Ingilterra. Il-konvenut kompla jixhed illi l-Bank kien qallu li ser ibiegh bis-subbasta il-flat illi kellu huh u qallu illi kien ser ikun avzat bid-data tas-subbasta, izda skond il-konvenut il-Bank baqa ma avzahx b'din is-subbasta. Il-konvenut xehed illi l-Bank lanqas tah rendikont ta' x'gara bil-flus illi gew rikavati mill-bejgh tal-flat ta' huh. Il-konvenut xehed illi wara li saret is-subbasta, il-Bank attur kien baghat ghalih u qabel ma infethet il-kawza odjerna kienu qalulu li kellu ihallas is-somma ta' hamest elef lira Maltin (LM5,000) peress illi kien garanti ghal huh u kellu jaghmel tajjeb ghad-djun ta' huh.

"Ikkunsidrat :

"Illi Keith Cilia, il-Manager tal-HSBC xehed illi l-overdraft account kien issejjah lil Ignatius u Pamela Borg u illi Ignatius Borg kellu l-prokura ta' huh Saviour Borg u kien iffirma ghal huh, fis-sens illi il-konvenut kellu jaghmel tajjeb ghalih. Is-Sur Cilia kompla jixhed illi n-negozju ta' Ignatius Borg kien sejjer hazin u bhala prassi kienu avzaw b'dan lill-konvenut. Is-Sur Cilia kompla jixhed illi il-Bank kienu kellmu lill-konvenut kemm qabel, kif ukoll wara illi kienet saret is-subbasta meta inbiegh il-flat ta' huh.

"Ikkunsidrat :

"Illi l-konvenut bhala provi telgha jixhed hu u harrek rapprezentant tal-HSBC, izda minkejja illi inghata diversi differimenti sabiex irressaq il-provi tieghu dan baqa ma ghamlux sa kemm il-Qorti kellha tiddikjara il-provi tal-konvenut bhala maghluqa. Il-konvenut naqas ukoll milli jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet.

"Ikkunsidrat :

"Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba ghal kundanna ta' hlas tas-somma ta' €13,976.24 (Lm6000) bl-imghax dekorribbli fuq is-somma ta' Lm5000 mit-23 ta' April 2001 u fuq is-somma ta' Lm1000 mit-22 ta' Frar 2002 kontra l-konvenut, rapprezentanti f'garanzija ghal hlas lill-Bank attur ta' kull ammont dovut lilu mill-konjugi Ignatious u Pamela Borg sal-ammont globali ta' €13,976.24 (Lm6000) *oltre* l-imghax;

"Illi il-Qorti ezaminat iz-zewg garanziji bankarji esebiti a fol 6 u 8 tal-process kif ukoll il-garanzija li tirrizulta mill-kuntratt datat l-14 ta' Marzu 1995 redatt fl-Atti tan-Nutar Dr. Joseph Tabone esebit in atti a fol 10 tal-process. Il-Qorti rat illi l-konvenut kien notifikat bl-ittra ufficjali datata s-16 ta' Ottubru 2001 mibghuta mill-Bank attur esebita a fol 16 tal-process u il-Bank attur intavola ukoll ittra interpellatorja datata l-21 ta' Awwissu 2002 qabel ma nfethu l-proceduri odjerni. Il-Qorti rat ukoll il-korrispondenza esebita minn Keith Cilia bhala rapprezentant tar-*recoveries section* fi hdan il-bank attur, liema korrispondenza tmur lura ghal Frar 1999 (ara Dok KC1 – KC2 esebiti a fol 97 – 110 tal-

process). Tali dokumenti m'humiex ikkontestati u ghalhekk, il-Qorti qeghda toqghod fuq il-veracita' taghhom u tghoddhom bhala tali.

"Ikkunsidrat :

"**Dwar l-Ewwel eccezzjoni, u cioe' li l-Bank attur ghandu jipprova l-kreditu principali minnu allegat fil-konfront ta' Ignatius u Pamela konjugi Borg**

"Illi permezz tal-verbal datat is-16 ta' Frar 2004, il-konvenut talab *statements* dettaljati tal-kontijiet kollha li kienu f'isem il-konjugi Ignatious u Pamela Borg. Il-Prokuratur Legali Adrian Borg, waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2004, ipprezenta u kkonferma l-*statements* relattivi ghall-kontijiet bankarji tal-konjugi Ignatious u Pamela Borg u xehed li mill-istess *statements* jirrizulta li l-konjugi Borg huma debituri tal-bank attur ta' kwazi Lm14,000 u ammont iehor li ma johrogx car mit-traskrizzjoni tax-xhieda izda li huwa indikat permezz ta' nota esebita a fol 40 tal-process, u ċioe' Lm6509.49. Dawn l-ammonti msemmija, precizament is-somma ta' Lm13,897.14 u Lm6509.49 jirrizultaw mid-dokumenti esebiti u mmarkati bhala Dok. AB1 u AB2 rispettivament.

"Il-Qorti rat li dawn l-istess dokumenti gew ikkonfermati mill-Prokuratur Legali Adrian Borg kif diga' ssemma aktar 'il fuq u li dwarhom il-konvenut ma ressaq ebda kontestazzjoni dwar il-veracita' *o meno* ta' dawn id-dokumenti.

"Illi kif diga' gie ritenut, il-Bank irnexxielu jipprova sal-grad rikjest mill-ligi l-kreditu principali minnu allegat fil-konfront ta' Ignatius u Pamela konjugi Borg. Il-Qorti tinnota li l-bank attur, irnexxielu jipprova wkoll (u dan anke *stante* n-nuqqas ta' kontestazzjoni dwar dan) il-fatt li l-konvenut Saviour Borg kien igarantixxa flimkien u in solidum il-hlas lis-socjeta attrici ta' kull ammont li kien hemm dovut lis-socjeta attrici minn Ignatius u Pamela mizzewgin Borg u li l-ammont globali dovut huwa ta' €13,976.24, oltre l-imghaxijiet legali. Tali prova tirrizula mill-garanziji bankarji msemmija aktar 'il fuq kif ukoll mill-kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone datat 14 ta' Marzu 1995[1].

"Gialadarba wkoll il-bank attur ressaq prova tal-interpellazzjonijiet li huwa ghamel lill-konvenut, anke permezz ta' ittra ufficcjali u gialadarba wkoll, tali interpellazzjonijiet m'humiex ikkontestati mill-konvenut, il-Qorti hija sodisfatta li l-konvenut kien konxju mis-sitwazzjoni, qabel ma gew intavolati l-proceduri odjerni. Dan qieghed jinghad anke in vista tal-fatt li l-konvenut naqas milli jipprova li l-bank irrifjuta li jaghti informazzjoni rigward id-debitu principali.

"Illi dwar il-prova tal-kreditu pretiz mill-bank attur, dan il-kreditu gie pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza permezz tal-*statements* li gew

[1] Liema kuntratt huwa anness mac-Citrazzjoni u huwa mmarkat bhala Dok C

esebiti u kkonfermati mir-rapprezentant tal-bank kif intqal aktar il fuq u ghalhekk, it-talba tal-bank ghall-ammont ta' €13976.24 (Lm6000) bl-imghax dekorribli fuq is-somma ta' 11646.86 (Lm5,000) mit- 23 ta' Apri 2001 u fuq is-somma ta' €2329.37 (Lm1,000) mit- 22 ta' Frar 2002, hija gustifikata.

"Ghalhekk, il-Qorti tiddikjara li hija sodisfatta u li gie ippruvat l-allegat kreditu tal-bank attur originat minn self maghmul lill-konjugi Ignatious u Pamela Borg u konsegwentement, qieghda tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

"**Dwar it-Tieni eccezzjoni, u cioe' li l-garanzija allegata mill-Bank attur giet ikkostitwita bi frodi u b'abbuz ta' prokura generali minnu moghtija lill-konjugi Ignatious u Pamela Borg**

"Illi permezz tal-verbal datat is-16 ta' Frar 2004, il-Qorti ordnat li l-ewwel jibdew jingabru l-provi fuq din l-istess tieni eccezzjoni kif ukoll dwar jekk din l-istess eccezzjoni tistax titqajjem per via di eccezzjoni jew jekk hemmx bzonn li ssir kawza *ad hoc* kif qed jissottometti l-Bank attur. Izda sussegwentement, wara x-xhieda tal-konvenut Saviour Borg stess datata t-3 ta' Gunju 2004, il-Qorti ordnat li jingabru l-provi kollha, kemm dwar l-eccezzjonijiet ta' natura preliminari kif ukoll fil-mertu.

"Dwar l-allegata frodi ghall-ottjeniment tal-garanzija moghtija favur il-bank attur

"Illi il-Qorti fl-ewwel lok tirrileva li min jallega necessarjament irid jipprova. F'dan l-istadju il-Qorti ma thossx li huwa l-kaz li tipprova tamplifika tali principju permezz ta' gurisprudenza fuq l-istess, *stante* li tali principju huwa wiehed baziku u generali.

"L-Art.1144 tal-Kap.16 jaqra hekk:

> "***(1) Kull kreditur jista` wkoll, f`ismu, jattakka l-atti maghmula b`qerq mid-debitur bi hsara tal-jeddijiet tieghu, bla pregudizzju tal-jedd tal-konvenut ghall-eccezzjoni tal- beneficcju ta` l-eskussjoni, taht id-disposizzjonijiet ta` l- artikoli 795 sat-801 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili.***
> ***(2) Jekk dawn l-atti jkunu b`titolu oneruz, il- kreditur ghandu jipprova li kien hemm qerq min-naha taz- zewg partijiet fil-kuntratt.***
> ***(3) Jekk dawn l-atti jkunu b`titolu gratuwitu, bizzejjed li l-kreditur jipprova li kien hemm qerq min-naha tad-debitur …"***

"Fil-Manuale di Diritto Privato (Ottava Edizione –pag.455) Torrente ighid illi sabiex tigi esperita l-azzjoni huma mehtiega dawn l-elementi –

"**1. Un atto di disposizione**

"Dan huwa att li bih id-debitur jimmodifika jew jimmina il-patrimonju jew il-gid tieghu billi jittrasferixxi lil terzi xi dritt li jappartjeni lilu jew billi jassumi xi obbligu jew obbligi godda fuq l-assi jew il-beni tieghu a favur ta` terzi. Dan huwa l-pregudizzju jew dannu li l-atto di disposizione jikkaguna lill-kreditur. Id-dannu jista` jkun, u generalment ikun, attwali u cert. Izda jista` jkun ukoll tali li b`evidenza u certezza juri l-perikolu tan-nuqqas ta` garanziji tal-kreditur.

"**<u>2. L-Eventus Damni</u>**

"Id-dannu jrid ikun jidderiva direttament mill-att impunjat (ara l-kawza fl-ismijiet **Carmela Sciortino vs Carmelo Vella et** deciza nhar is-27 ta` Gunju 1961 mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili). Id-domanda li trid issir ghall-fini tal-*eventus damni* hija din: bl-att jew bl-atti impunjati, id-debitu jkun almenu ppeggora l-posizzjoni finanzjarja tieghu bi hsara tal-kreditur domandanti? Jekk it-twegiba hija fil-posittiv, allura dan l-element ikun gie ppruvat. (vide l-kawza fl-ismijiet **Bridgitte Vella vs Richard Vella et** deciza nhar is-27 ta` Frar 2003 mill-Qorti ta` l-Appell).

"**<u>3. Il-Consilium Fraudis</u>**

"Din tista` tkun diretta, indiretta, jew oggettiva. Bhala konsegwenza tal-prova tal-consilium fraudis (li tinkombi lil min jallega l-frodi fil-kuntest tal-actio pauliana) l-att impunjat jigi revokat in linea mal-principju *fraus omnia corrumpit*. Element iehor li jigi trattat flimkien mal-*consilium fraudis* huwa l-*partecipatio fraudis* da parti tat-terz akkwirent. Kif diga` intwera minn qari tal- Art.1144 tal- Kap.16, jekk l-att ikun oneruz, allura l-kreditur ghandu jipprova li kien hemm qerq miz-zewg partijiet fil-kuntratt li jrid jimpunja, mentri fil-kaz li l-att ikun b`titolu gratuwitu, ikun bizzejjed jekk il-kreditur jipprova li kien hemm qerq min-naha tad-debitur (vide l-kawza fl-ismijiet **Marco Bongailas vs John Magri et** deciza nhar id-29 ta' Mejju 2009 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili).

"Fid-dawl ta' dak citat hawn fuq, il-Qorti thoss li l-elementi rikjesti ma gewx ippruvati u konsegwentement, l-ebda frodi ma gie ippruvat. Il-Qorti tinnota wkoll li minkejja din l-allegazzjoni da parti tal-konvenut, huwa ma pproceda bl-ebda mod, jew ghall-anqas ma gab ebda prova dwar xi passi li ha sabiex jannulla l-prokura innifisha jew l-effetti legali li gabet maghha permezz ta' proceduri *ad hoc* f'dan is-sens. Dan in-nuqqas, allura necessarjament jwassal lill-Qorti sabiex tikkonferma l-validita' tal-istess prokura ghaliex huwa principju legali baziku u generali li kull att legali huwa meqjuz bhala wiehed validu, sakemm ma jigix pruvat mod iehor.

"**<u>Dwar l-allegat abbuz mill-prokura</u>**

"Illi il-bazi ta' din il-parti tal-eccezzjoni hekk kif imressqa mill-konvenut iddur fuq is-segwenti principji u artikoli tal-ligi u cioe', l-Artikolu 1864 tal-Kodici Civili li jghid li:

> "***il-mandatarju ma jista' jaghmel xejn li johrog mil-limiti tal-mandat***"

"filwaqt li l-Artikolu 1880(2) tal-Kodici Civili jghid li:

> "***Hu (il-mandant) mhux obbligat ghal dak li l-mandatarju jkun ghamel barra mil-limiti ta' dawk is-setghat, hlief jekk hu jkun irratifika espressament jew tacitament dak l-eghmil***".

"Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Caterina Schembri et vs Gaudenzja Cachia et,** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju 1975, fejn gie osservat:

> "***Meta mandatarju jagixxi bhala tali, cioe' f'isem il-mandant, u fl-esekuzzjoni tal-mandat jeccedi l-poteri lilu konferiti, huwa ma jobbligax lill-mandat hlief jekk dan espressament jew tacitament jirratifika l-operat tal-mandatarju….Il-mandant f'dan il-kaz ma huwiex tenut jirrikonoxxi l-kuntratt bhala vinkolanti ghalih, ghaliex, kif jghid Tartufari, Della Rapprezentanza nella Conclusione dei Contratti, p. 377 para 326: 'Gli atti o I contratti che il rappresentante concluda fuori dei limiti delle sue facolta' sono di regola, quaunto al rappresentato, giuridicamente nulli e inefficaci, siccome quelli in cui il difetto del piu' essenziale fra i presupposti della rappresentanza toglie per se stesso ed esclude la possibilita' di ogni vincolo o nesso giuridico fra lui ed I terzi'***".

"Il-Qorti kkonfermat li fejn il-mandatarju jkun ecceda l-limiti tal-mandat, il-mandant m'huwiex obbligat u m'huwiex kaz ta' rexxissjoni; *"**Anzi peress illi n-nullita' hija assoluta, u l-att huwa totalment inezistenti**, il-mandant jista' jiddiskonoxxi dak l-att u lanqas jagixxi bl-azzjoni tan-nullita', ammenokke', bhal dan il-kaz, ma jkollux interess illi l-mandatarju jkun kundannat ghall-effetti tan-nullita'; u f'dan il-kaz l-azzjoni tan-nullita' hija diretta mhux biex il-Qorti tiddikjara illi dak il-bejgh jigi annullat, imma biex tiddikjara, ossija tikkonstata, illi* ***dak l-att huwa totalment inezistenti u null di fronti ghall-mandant ab initio, u qatt ma ezista.*** *U ghalhekk ma jistax jezisti qatt di fronti ghall-kontraent l iehor, anki jekk dana kien in buona fede, ghaliex quod nullum est nullum producit effectum." (*Ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Raymond Caruana nomine vs Il-Ministru tal-Ambjent et** deciza nhar is-7 ta' Lulju 2004.)

"Illi huwa in konnessjoni u fid-dawl tal-Artikoli u l-gurisprudenza citata li il-Qorti sejra tikkonsidra din it-tieni eccezzjoni mressqa mill-konvenut.

"Illi permezz tax-xhieda tieghu a fol 34 tal-process, il-konvenut ikkonferma li l-prokura li hija esebita a fol 13 tal-process hija fattwalment il-prokura li kien ta lill-konjugi Ignatious u Pamela Borg u

jghid ukoll li din kienet prokura li inghatat minnu '***in konnessjoni mal-facilitajiet li huwa kien se jiehu mill-Bank***'. L-istess konvenut ikkonferma l-firma tieghu. L-istess konvenut ikkonferma wkoll li jiftakar li mar il-Mid-Med Bank ta' San Giljan, fejn kien iffirma garanzija. Ikkonferma wkoll li fuq talba ta' huh Ignatious, kien mar ghand Nutar u ffirma wkoll xi dokument. Jiftakar ukoll li ffirma xi karti ghar-rigward tal-*loan* li kien ser jiehu huh Ignatious mill-bank. Jikkonferma li ffirma dokument fil-prezenza tan-Nutar Joe Tabone izda jghid li ffirma minghajr ma ta kaz ta x'kien qieghed jiffirma. Jallega wkoll li n-Nutar ma qralux x'kien qieghed jiffirma u ma spjegalu xejn, u jerga' jikkonferma din l-allegazzjoni permezz tax-xiehda tieghu datata l-11 ta' Ottubru 2007.

"Il-Qorti taghmel referenza ghall-kopja awtentika tal-kuntratt redatt fl-Atti tan-Nutar Dr. Joe Tabone datat l-14 ta' Marzu 1995 esebit a fol 44 tal-process, u li permezz tieghu Saviour Borg ikkostitwixxa garanzija ipotekarja fuq il-fond Casaurina, ST George's Junction, St Julians, permezz tal-prokura esebita a fol 47 tal-process, liema prokura m'hijiex ikkontestata. *Stante* li huwa l-konvenut stess li iddikjara li ta din il-prokura lill-konjugi Borg b'referenza ghall-facilitajiet li huwa kien ser jiehu mill-Bank, irrizulta bl-aktar mod car li l-istess konvenut kien konxju li tali prokura kienet intiza sabiex tintuza ghal dawn l-istess skopijiet tal-facilitajiet li kienu ser jiehdu l-konjugi Ignatious u Pamela Borg minghand il-bank attur. Gialadarba l-konvenut kien konxju ta' dan, l-argument tieghu li l-konjugi Borg abbuzaw minn tali prokura zgur li ma jregix ghaliex tali prokura kienet fil-fatt intiza ghal dan l-iskop, jekk mhux f'sens uniku, ghall-anqas, kienet zgur kontemplata. Dan il-fatt *ex-admissis* mill-konvenut stess iwarrab b'mod komplet l-argument ta' abbuz tal-uzu tal-prokura. Gialadarba l-konvenut stess iddikjara li kien konxju ta' dan kollu, ghalkemm iddikjara li kien hemm istanzi fejn iffirma dokumenti li lanqas biss ta kaz x'kienu, dan ma jfissirx li l-garanziji rizultanti mill-process u mill-kuntratt imsemmi (permezz tal-prokura msemmija) gew ikkostitwiti bi frodi ghaliex, wara kollox, kien il-konvenut stess li ffirma l-garanziji bankarji esebiti (u dwar dan jikkonfermah hu stess) filwaqt li kien l-istess konvenut li ikkonferma li l-prokura kienet intiza b'referenza ghall-facilitajiet tal-bank li kienu bi hsiebhom jiehdu l-konjugi Ignatious u Pamela Borg. Tant hu hekk li l-istess konvenut iddikjara permezz tax-xiehda tieghu datata l-11 ta' Ottubru 2007, li jiftakar li kien ta din il-prokura "***fil-Bank ta' San Giljan…kien ghadu jismu Mid-Med Bank***". Il-Qorti tinnota wkoll li fuq mistoqsija taghha stess[2], il-konvenut ikkonferma wkoll li kellu fil-pussess tieghu kopja tal-prokura in kwistjoni izda jghid li "***zammha hemm***". Il-Qorti ma tistax ma tinnotax il-fatt li l-konvenut kellu kopja tal-prokura moghtija minnu stess (*ex-admissis*). Issa jekk ghal xi raguni jew ohra, l-istess konvenut lanqas biss indenja ruhu jaqra l-istess prokura, tali nuqqas jirrizulta da parti tieghu u da parti ta' l-ebda parti ohra. Il-fatt li l-istess konvenut ibiddel il-verzjoni tieghu dwar jekk jafx x'inhi prokura f'temp

[2] Ara x-xhieda tieghu a fol 75 tal-process

ta' ftit minuti[3] jkompli jitfa' certu dawl dwar il-kredibilita' *o meno* tal-istess xhud, u dan anke in vista tal-allegazzjoni da parti tieghu li dejjem skond hu, n-Nutar ma qralux u ma spjegalux il-konnotazzjonijiet u l-implikazzjonijiet tal-prokura. Izda f'dan l-istadju il-Qorti tinnota wkoll li n-Nutar Tabone lanqas biss gie msejjah sabiex jixhed dwar din l-allegazzjoni jew ghall-anqas sabiex jaghti l-verzjoni tieghu dwar l-istess prokura.

"Illi dwar l-eccezzjoni tal-konvenut relatata mal-allegat abbuz tal-prokura msemmija, il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal paragrafi (n) u (p) tal-istess prokura in kwistjoni u li permezz taghhom, il-konvenut stess awtorizza lill-konjugi Borg sabiex jaghtu garanzija ghal kwalunkwe ammont, tant li paragrafu (n) isegwi hekk:

> "***to appear on a deed of loan/overdraft/suretyship for any amount he may deem fit empowering him for such purpose to assume any obligation and to undertake anything which may be required in the premises an to constitute any hypothecation of my/our said attorney shall from time to time deem fit***"

"filwaqt li paragrafu (p) jghid:

> "***to sign any form which may be necessary in this regards in his absolute discretion***".

"Illi dan allura necessarjament ifisser li Ignatious Borg kellu l-awtorita li jagixxi ghan-nom ta' Saviour Borg permezz tal-istess prokura bil-mod li uzaha. Fil-fatt din l-prokura ma fiha ebda kwalifika jew limitazzjoni jew restrizzjoni fuq il-mandatarju. F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Emilja sive Millie Despott xebba vs. Anthony Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell 1 ta' Gunju 1984 kif kkwotata mill-bank attur fejn gie ritenut li:

> "***Huwa resumibbli li l-mandatarju jkun persuna ben vista mil-mandanti u li tkun tgawdi il-fiducja tieghu. Jekk l-attrici ma haditx il-prekawzjonijiet rikjesti fiz-zmien propizju, illum m'ghandux ibati l-konvenut (li agixxa in bona fede) u fil-konfront ta' dan l-attrici ma tistax tghid li qed tbati intortament a bazi ghal-principju qui sua culpa damnum sentit, non videtur damnum sentire****."*

"*Di piu',* il-Qorti tinnota wkoll illi li kieku verament il-konvenut kien konvint li l-konjugi Borg kienu abbuzaw mill-prokura taghhom u allura meta suppost l-istess konvenut kien induna x'kien gara (ghalkemm jerga' jigi ripetut li din il-verzjoni moghtija mill-konvenut m'hija kredibbli xejn kif spejgat aktar 'il fuq), ghall-anqas l-istess konvenut, fiz-zmien tal-korripondenza li kienet ghaddejja bejnu u bejn il-bank attur, missu ha dawk il-passi necessarji sabiex jirrevoka il-prokura. Prova ta' tali passi ma gewx pruvati u lanqas biss jissemmew fil-mori tal-kawza.

---

[3] Ara x-xhieda tieghu a fol 75 tal-process

"Il-Qorti tinnota wkoll il-korrispondenza esebita minn Keith Cilia bhala rapprezentant tar-*recoveries section* fi hdan il-bank attur, liema korrispondenza tmur lura ghal Frar 1999 (ara **Dok KC1 – KC2** esebiti a fol 97 – 110 tal-process) u li allura jkomplu juru li bejn il-bank attur u l-konvenut kien hemm komunikazzjoni u li kieku huwa verament minnu li l-istess konvenut ma kienx jaf ghal xhiex iffirma, permezz ta' dawn l-ittri seta' facilment jinduna x'kien il-mertu taghhom.

"Gialadarba, *ex-admissis* il-konvenut jammetti li huwa ffirma l-prokura, 'zammha hemm' fil-pussess tieghu u lanqas biss indenja jaqraha, ma ha ebda passi sabiex jirrevoka tali prokura, ma gie pruvat ebda frodi jew abbuz *ai termini* tal-istess prokura, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li ma gie pruvat ebda abbuz tal-prokura moghtija lil Ignatious Borg.

"Ghal dawn ir-ragunijiet suesposti, il-Qorti qieghda tichad din it-tieni eccezzjoni.

"**<u>Dwar it-Tielet eccezzjoni, u cioe' li l-Bank attur irrenda ruhu partecipi f'din il-frodi</u>**

"Il-Qorti terga' taghmel referenza ghal dak citat u argumentat taħt il-kappa relattiva ghat-tieni eccezzjoni u tapplikah ghal din l-eccezzjoni *stante* li din it-tielet eccezzjoni hija konsegwenzjali ghat-tieni wahda. Ghalhekk, gialadarba l-konvenut ikkonferma hu stess li ffirma l-prokura in kwistjoni kif ukoll il-garanziji bankarji esebiti u *di piu'* ikkonferma li l-prokura kienet intiza sabiex tintuza ghall-iskopijiet tal-facilitajiet li kien ser jiehu Ignatious Borg flimkien ma' martu Pamela, allura l-bank attur ma seta' qatt irrenda ruhu partecipi f'xi allegat frodi, *stante* li tali frodi mhux biss ma giex ippruvat, talli gie manifestament pruvat precizament bil-kontra, u cioe' li l-konvenut kien koxxenti mill-ipprokura li kien ta. Jekk l-istess konvenut ghazel li ma jaqrax din l-istess prokura u li jiffirma fuq dokument minghajr ma verament jifhem x'inhuma l-konsegwenzi taghha, allura dan l-agir huwa imputabbli biss fuq l-istess konvenut u m'ghandu jbati ebda konsegwenzi l-bank attur.

"Ghal dawn ir-ragunijiet u ghar-ragunijiet imnizzla taħt it-tieni eccezzjoni, din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda wkoll".

<u>L-Appell</u>

4. Dan hu bazat fuq sitt aggravji: [1] li l-Bank attur naqas milli jipprova l-kreditu principali fil-konfront ta' Ignatius u Pamela, konjugi Borg; [2] li l-Bank, kif ukoll in-nutar, ma setghux juzaw prokura tieghu

biex jippermettu illi dejn personali tal-mandatarju Ignatius Borg jigi garantit bil-gid tal-mandat konvenut; [3] li l-prokura mahruga mill-konvenut favur huh ma tkoprix l-ghoti ta' garanzija; [4] li bhala garanti l-konvenut kellu jigi notifikat bil-proceduri tas-subbasta li saru fir-rigward tal-appartament tad-debitur principali; [5] li l-Bank attur kellu jnaqqas l-ammont iffrizat u sussegwentement konfiskat mill-istess Bank qabel ma nfethet il-kawza; [6] li l-konvenut ma kellux ibati imghaxijiet u spejjez.

5. Ghaldaqstant il-konvenut qed jitlob li din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u minflok tichad it-talba tal-Bank attur, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur.

6. Minn naha tieghu, il-Bank, ghar-ragunijiet esposti fir-risposta tieghu, qed jitlob li din il-Qorti tichad l-appell bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

L-Aggravji

7. Peress li l-maggor parti tal-aggravji huma ta' natura fattwali, din il-Qorti tirribadixxi li, bhala qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk mhux ghal raguni ta' zball manifest li jekk ma jigix rettifikat parti jew ohra tista' issofri

ingustizzja. Mandankollu din il-Qorti xorta wahda ghandha d-dmir li ezamina l-provi akkwiziti bil-ghan li tistabbilixxi jekk minn dawk il-provi l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.

L-Ewwel Aggravju

8. Dan l-aggravju huwa fis-sens li l-attur naqas milli jipprova l-kreditu principali minnu vantat fil-konfront ta' hu l-konvenut u martu, konjugi Borg. Jghid li l-statements prezentati mill-attur ma huma xejn hlief dikjarazzjoni unilaterali tieghu u, fin-nuqqas tar-rikonoxximent taghhom da parti tad-debitur principali, l-attur kien jehtieglu li jipprova l-kontenut ta' dawn l-istatements permezz tar-ricevuti li jikkorroboraw it-tranzazzjonijiet individwali kontenuti fl-istess prospett. Jghid li ma hemm ebda dubju li kull Bank kummercjali izomm kontabilita` dettaljata li tinkludi r-ricevuti ghal kull somma avvanzata jew prelevata u li jzomm tali ricevuti. Ikompli jfisser hekk dan l-aggravju:

> "Illi s-sentenza appellata iddikjarat li l-ammonti citati mill-Bank attur ma gewx ikkontestati. Dan mhuwiex ghal kollox korrett. Il-konvenut talab sabiex j ivverifika 1- kontijiet li taghhom kien garanti, u dan qabel il-kawza, u r-risposta tal-Bank kienet li bhala garanti mhuwiex intitolat ghal tali informazzjoni (ara fol.100). Kien hemm hafna iktar korrispondenza fuq dan is-suggett, imma irrizulta li tali korrispondenza [kienet giet distrutta mill-Bank fil-mori tal-kawza, Il-konvenut ma ghandux kuntatt ma' huh u ma ghandux mezz kif jivverifika *l-istatements* esibiti, imma kjarament tali *statements* jistghu biss jigu verifikati billi jitqabblu mar-ricevuti li huma l-aqwa prova tat-transazzjonijiet li sehhew, liema prova ma tressqitx".

9. Din il-Qorti fl-ewwel lok tirrileva li, hekk kif jirrizulta mill-ittra datata 16 ta' Ottubru 2002[4] li ghamel referenza ghaliha l-konvenut, l-attur kien informa lill-konvenut li "*As a surety you are only entitled to information which regard the amount and conditions of your suretyship*". Tkompli tghid l-ittra li l-konvenut bhala garanti ma kienx intitolat ghal informazzjoni rigwardanti l-kont tad-debitur principali jekk mhux bil-kunsens tal-istess debitur. Ghalhekk l-argument tal-Bank huwa li l-konvenut kien intitolat ghall-informazzjoni rigwardanti l-garanzija moghtija minnu u, sakemm ma jottjenix il-kunsens tad-debitur principali, il-Bank ma setghax jaghtih informazzjoni li tmur oltre mill-ammont u mill-kondizzjonijiet ghal garanzija. B'danakollu l-konvenut xorta kellu l-opportunita` li jitlob l-informazzjoni fuq id-debitur principali fil-mori tal-kawza permezz ta' xhieda.

10. Dwar il-prova tad-debitu, l-ewwel Qorti strahet fuq l-istatements prodotti mill-Bank u kkonfermati bil-gurament mill-Prokuratur legali Adrian Borg rapprezentant taghha u hija l-fehma ta' din il-Qorti li, fin-nuqqas ta' provi li juru l-kuntrarju, dik il-Qorti kienet korretta fil-konkluzjoni taghha li tikkonsidra dawk l-istatements bhala prova sodisfacenti skont il-grad ta' prova rikjesta fil-kawzi civili. Barra minn hekk hija flokha s-sottomissjoni tal-Bank illi jekk il-konvenut dehrlu li kellu jitlob mill-Bank aktar informazzjoni li skont hu hija relevanti ghad-difiza tieghu seta', u messu, ghamel dan quddiem l-ewwel Qorti, kif seta'

[4] Fol.100

wkoll jaghmel kontro-ezami tar-rapprezentant li xehed f'isem il-Bank fuq dan il-punt u, ladarba l-konvenut naqas milli jaghmel dan ma jistax jippretendi b'success li l-Bank kellu jkompli jsostni l-prova tal-kreditu tieghu bir-ricevuti tat-tranzazzjonijiet relattivi.

11. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

*It-Tieni u t-Tielet Aggravji*

12. Dawn huma fis-sens li fl-operat tal-mandatarju kien hemm konflitt ta' interess u wkoll li l-mandatarju ecceda l-limiti tal-mandat lilu moghti.

13. Il-konvenut jghid li kien hemm "konflitt ta' interess palezi" insitu fl-operat ta' mandatarju li, flok jamministra l-beni tal-mandant tieghu ghall-gid tal-istess mandant, juza l-prokura sabiex jiggarantixxi dejn personali tal-mandatarju bil-gid tal-mandant; u skont il-konvenut, dan il-kunflitt ta' interess jinvolvi wkoll lin-nutar u lill-Bank li jaccettaw li prokura tintuza b'dan il-mod.

14. Huwa jkompli jfisser hekk dan l-aggravju:

> "Illi dwar dan l-argurnent, is-sentenza impunjata ma tantx tidhol hlief biex tghid illi l-konvenut messu kien jaf x'kien qed jaghmel meta ta l-prokura u li l-konvenut kien jaf ghal xiex kienet qed tinghata l-prokura. Madanakollu, irrizulta wkoll illi l-konvenut ghamel tajjeb ukoll bi plegg fuq kont bankarju li kellu li gie zbankat favur il-Bank of Valletta (ara fol.101 u Dok.SB 1 anness), u jidher illi tali garanzija separata holqot

> konfuzjoni f'mohh il-konvenut. Fil-fatt, il-konvenut isostni li l-firma li hemm fuq il-prokura esibita mhijiex il-firrna tieghu, u fil-fatt jidher mill-korrispondenza esibita illi hemm diskrepanzi serji bejn il-firem tieghu fuq dawk id-dokumenti u 1- firma tieghu kif tidher fuq il-prokura;"
>
> "Illi l-konvenut jixtieq li jerga' jinghata l-opportunita li jixhed, quddiem dina 1- Onorabbli Qorti, sabiex ikun f'posizzjoni li jispjega ruhu ahjar".

15. Din il-Qorti tosserva, fl-ewwel lok, li l-konvenut stess jammetti li hu kien ta prokura lil huh sabiex tintuza ghall-finijiet tal-garanzija bankarja rikjesta mill-Bank biex jaghti facilitajiet bankarji lil huh Ignatius Borg. Dan jirrizulta car mill-ewwel depozizzjoni[5] moghtija minnu fil-25 ta' Novembru 2004 li fil-parti relevanti taqra hekk:

> "Fil-fatt jiena kont iffirmajt il-prokura li ghadni kif gharaft. Nghid ukoll illi kien hemm okkazzjoni fejna jiena kont mort ma' hija il-Mid-Med Bank ta' San Giljan, fejn jiena kont iffirmajtlu garanzija ghas-somma li kien qed jissellef jew li kien qed jiehu ghar-rigward taghha facilitajiet bankarji u li kienet is-somma ta' hamest elef lira [LM5,000]….. jiena l-prokura kont tajtha lil hija in konnessjoni mal-facilitajiet li huwa kie se jiehu mill-bank ……..kien gie hemmhekk… in-Nutar Joseph Tabone u dan qalli biex niffirma dokument. Jien kont iffirmajt minghajr ma tajt kaz x' kon[6]t qed niffirma. Fil-fatt nghid ukoll li lanqas in-Nutar ma' qrali dak li kont qieghed niffirma…".

16. Sussegwentement il-konvenut kien rega' xehed *viva voce* quddiem il-Qorti diversament presjeduta u li tat is-sentenza, u li ghalhekk dik il-Qorti kellha l-beneficju tal-iskrutinju tax-xhud waqt li kien fuq il-pedana tax-xhieda. L-ewwel Qorti, wara li ezaminat id-depozizzjonijiet kollha tax-xhieda, inkluza dik tal-konvenut kemm meta xehed fis-sena 2004 kif ukoll meta kien xehed quddiemha fl-udjenza tal-

---

[5] Dak iz-zmien il-Qorti kienet presjeduta minn imhallef iehor li kien sema' lil dan ix-xhud prodott mill-Bank, izda sussegwentement il-kawza kienet giet assenjata lill-imhallef li tat is-sentenza u li kienet semghet lill-konvenut jixhed viva voce.

[6] Fols.36-37

11 ta' Ottubru 2007, waslet ghall-konkluzjoni li ma temminx lill-konvenut meta dan xehed li hu ffirma dokumenti, inkluza l-prokura, minghajr ma kien jaf ghal xiex kien qed jiffirma. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li ma gie pprovat ebda ingann fl-ghoti tal-prokura u fl-amministrazzjoni tal-mandat, kienet wahda sostnuta minn diversi fatturi u konsiderazzjonijiet spjegati fis-sentenza appellata u li din il-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti kienet wahda li ragjonevolment setghet tasal ghaliha mill-provi akkwiziti.

17. L-aktar importanti fost il-provi senjalati mill-ewwel Qorti, kien il-fatt li l-konvenut kien jaf li kien qed jaghti prokura ampja lil huh Ignatius Borg sabiex dan jiehu facilita` bankarja mill-allura Mid-Med Bank. Ghalkemm il-konvenut sussegwentement fix-xhieda tieghu pprova jaghti l-impressjoni li ma kienx jaf ghal xiex kien qed jiffirma, mill-provi rrizultaw elementi ta' prova li jdghajjfu serjament din it-tezi, bhal per ezempju, li n-nutar naqas milli jispjegalu d-dokument [il-prokura] li kien qed jiffirma meta fuq l-istess att hemm dikjarazzjoni minn nutar, li huwa ufficjal pubbliku, li "*I have warned the appearer of the importance and consequence of such appointment of attorney*".[7] F'dawn ic-cirkostanzi jirrizulta lampanti n-nuqqas da parti tal-konvenut li jipproduci lin-nutar bhala xhud biex jixhed dwar din l-allegazzjoni. Barra minn hekk mill-provi jirrizulta li hu kellu kopja tal-prokura u allura mhi xejn verosimili li l-konvenut ma kienx jaf jew qara t-termini tal-mandat moghti minnu lil huh

[7] Fol.14+

meta l-istess konvenut fl-ewwel depozizzjoni tieghu kien ammetta li kien qed jaghti prokura lil huh sabiex jghinu jakkwista facilita` bankarja.

18. Stabbilit li l-konvenut kien jaf li kien qed jaghti prokura lil huh ghall-iskop premess, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tistabbilixxi jekk l-agir ta' hu l-konvenut, jew ahjar l-uzu li huh kien ghamel mill-prokura lil dan tal-ahhar, kienx jidhol fil-parametri tat-termini tal-prokura. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tissenjala li l-prokura hija redatta f'termini pjuttost generali u jaghtu poteri ampji mill-mandatarju, b'mod aktar specifiku u relevanti ghall-kaz in dizamina huwa l-paragrafu makrat bl-ittra [n] li jaqra hekk:

> "to appear on deed of loan/overdraft/suretyship for any amount he may deem fit empowering him for such purpose to assume any obligation and to undertake anything which may be required in the premises and to constitute any hypothecation of my/our property present and future".[8]

19. Mill-premess ghandu jirrizulta car li l-poteri moghtija mill-konvenut bhala mandant lil huh bhala mandatarju kienu jkopru l-garanzija li l-mandatarju ta lill-Bank bis-sahha tal-prokura. Fi kliem iehor, hu l-konvenut bhala mandatarju kellu d-dritt u l-awtorita` li jiffirma l-garanziji in kwistjoni bis-sahha tal-mandat li kellu minghand il-konvenut u l-Bank bhala kreditur ma kellux ghalfejn jiddubita dwar il-legalita` ta' dak li ghamel hu l-konvenut bis-sahha ta' dik il-prokura. Ghalhekk din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li f'dan il-kaz, la jirrizulta li kien

[8] Fol.14

hemm frodi, la da parti tal-mandatarju u wisq anqas tal-Bank bhala kreditur; ukoll, lanqas ma jirrizulta ebda konflitt ta' interess ladarba l-prokura giet uzata ghall-iskop li nghatat. Certament jezistu elementi ta' prova li abbazi taghhom l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.

20. Fl-ahhar nett din il-Qorti tosserva li, il-fatt li hu l-konvenut harab minn Malta lejn l-Ingilterra u, jekk verament huwa minnu, li l-konvenut ma jafx fejn mar joqghod huh [allegazzjoni li din il-Qorti tikkonsidra inverosimili] ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li allura bilfors li huh ingannah; il-provi juru l-kuntrarju, jigifieri li huh agixxa fit-termini tal-mandat lilu moghti.

21. Il-konvenut fisser it-tielet aggravju tieghu hekk:

> "Illi in partikolari ma jaqbilx li kellu jigi mharrek in-Nutar Tabone sabiex jinterpreta l-klawzoli in kwistjoni, fl-ewwel lok ghaliex l-interpretazzjoni tan-nutar mhijiex necessarjament vinkolanti jew korretta, fit-tieni lok ghaliex jkarament kien l-istess nutar li ghamel uzu mill-prokura imsemmija li skont il-konvenut kien skorrett".

22. Dan l-aggravju jirrazzenta l-fieragh. Id-depozizzjoni tan-Nutar Tabone kienet tkun opportuna in vista tal-allegazzjoni tal-konvenut, maghmula fil-kors tax-xhieda tieghu, li hu ma kienx jaf li kien qed jiffirma prokura u, wkoll in vista tal-allegazzjoni tal-istess konvenut li n-nutar ma qralux u ma spjegalux ghalxiex il-konvenut kien qed jiffirma. Fir-rigward

il-konvenut dehrlu li kellu jistrieh fuq l-allegazzjoni tieghu *nuda u cruda* minghajr ebda sostenn fil-provi, anzi li l-provi proprju jikkontrastaw.

23. Barra minn hekk f'dan l-aggravju l-konvenut jirreferi ghar-raba' eccezzjoni tieghu li hi fis-sens li l-atti mwettqa mill-Bank attur ma kienux koperti bil-prokura ghaliex fil-paragrafi [g],[n] u fit-tieni paragrafu[9] ta' qabel tal-ahhar hemm espressa l-kondizzjoni li biex tigi assunta obbligazzjoni jew moghtija garanzija, jew tintuza l-prokura bi kwalunkwe mod, dan irid isir "in the premises" jigifieri, skont il-konvenut jehtieg li jsiru fl-istess ufficcju jew edifizzju fejn tkun inghatat il-prokura "limitazzjoni espresso ovvjament mahsub proprju biex jigi evitat li jsir abbuz mill-istess prokura".

24. Fir-rigward, din il-Qorti taqbel mar-risposta tal-Bank ghal dan l-aggravju fejn issottometta li "Huwa car mill-kuntest, specjalment ghal min ghandu ftit esperjenza ta' skirtturi simili bil-lingwa Ngliza, illi l-frazi "in the premesis" ma jfissirx "fil-binja jew fl-edifizju" izda tfisser "fil-kuntest ta' din il-prokura" jew "fil-kuntest ta' dak li ntqal".

25. Ferm il-premess din il-Qorti ma thossx li ghandha tikkummenta aktar fir-rigward.

[9] Li jaqra hekk: "And I/we hereby undertake to approve, ratify and confirm whatever said attorney shall lawfully do or cause to be done in the premises" [Fol.14]

26. Ghaldaqstant dawn l-aggravji mhumiex gustifikati u qed jigu respinti.

*Ir-Raba' Aggravju*

27. Il-konvenut fisser hekk dan l-aggravju:

> "Il-konvenut kellu dritt li jigi notifikat bhala garanti bil-proceduri tas-subbasta li saru fuq l-appartament tad-debitur principali; tali appartament inxtara bi prezz ridikolu mill-istess Bank attur, anqas mill-prezz li gab fl-ewwel subbasta, u l-valur reali tieghu kien tali li seta' jissodisfa l-pretensjonijiet tal-bank minghajr bzonn ta' rikors ghall-allegati garanziji personali.
>
> "B'dan l-agir tal-Bank, il-konvenut sofra pregudizzju, u l-principju in materja huwa li fejn il-kreditur jippregudika d-dritt tal-garanti li jdur lura kontra d-debitur principali, il-kreditur jitlef id-dritt illi jdur fuq il-garanti".

28. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tosserva li l-pregudizzjali jekk il-konvenut kellux id-dritt bhala garanti li jigi notifikat bil-proceduri tas-subbasta li kienu infethu u li wasslu sabiex tinbiegh il-proprjeta` ta' huh, huwa punt li ma giex sollevat quddiem l-ewwel Qorti u ghalhekk f'dan l-istadju huwa *noviter deduxit* li, kif assodat mill-gurisprudenza, m'ghandux jigi trattat fl-istadju ta' appell.[10]

29. Izda fit-tieni lok din il-Qorti tosserva li, kif ammess mill-istess konvenut fid-depozizzjoni tieghu tal-11 ta' Ottubru 2007, huwa kien gie informat mill-Bank Manager Edwin Cassar fil-fergha tal-Bank fil-Marsa li

[10] Ara fost ohrajn, App.S 1042/2009 Pawlu Bezzina et vs Charles Vassallo, 11 Mejju 2015

l-post ta' huh kien ser jinbiegh bis-subbasta u dan "qalli, li inti [il-konvenut] trid tkun hemmhekk".[11] Fl-istess depozizzjoni l-konvenut jghid li, peress li ma kienx jaf xi tfisser subbasta, "mort nistaqsi".[12] Ghalhekk, ladarba l-konvenut kien gie informat li kienet ser issir is-subbasta tal-appartament u ladarba jghid li mar jistaqsi xi tfisser il-kelma 'subbasta' huwa izjed u izjed kellu jaghmel il-verifiki tieghu dwar il-proceduri tas-subbasta li kienu ser jittiehdu. Jidher pero` li l-konvenut ma ghamel xejn fir-rigward u baqa' passiv sakemm eventwalment il-Bank dar fuqu bhala garanti biex jaghmel tajjeb ghad-dejn garantit minnu.

30. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi respint.

*Il-Hames Aggravju*

31. Il-konvenut fisser hekk dan l-aggravju:

> "Irrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza li qabel ma nfethet din il-kawza, [il-konvenut] kellu kont ma' l-HSBC li gie ffrizat u kkonfiskat unilateralment mill-HSBC bhala pagament akkont tal-pretensjonijiet taghhom; tali fondi ma jidhirx li tnaqqsu mill-pretensjonijiet tal-Bank attur fil-konfront tal-konvenut".

32. Din il-Qorti tosserva li, kif anke sottomess mill-Bank, il-konvenut ma ressaq ebda eccezzjoni f'dan is-sens quddiem l-ewwel Qorti, u

[11] Fol.77
[12] Ibid.

ghalhekk anke dwar dan il-kwezit din il-Qorti tikkonsidra li dan huwa *noviter deduxit* li ma kellux jitqajjem l-ewwel darba fl-istadju ta' appell u ghalhekk mhux ser tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

33. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhwiex gustifikat u qed jigi michud.

*Is-Sitt Aggravju*

34. Il-konvenut ifisser hekk dan l-aggravju.

> "…l-esponent ihoss li ma ghandux fi kwalunkwe kaz ibati imghaxijiet u spejjez, stante li kien il-Bank li rrifjuta inizjalment li jipprovdi kwalunkwe informazzjoni fuq il-kontijiet in kwistjoni [apparti li lanqas matul il-kawza ma gab prova sufficjenti taghhom]".

35. Il-Bank jirribatti li l-konvenut, bhala parti tellief fil-proceduri odjerni, ghandu jbati l-ispejjez tal-kawza skont ma jiddisponi l-Artikolu 223 [1] tal-Kodici tal-Organizzazjoni u Procedura Civili. Barra minn hekk f'dan il-kaz ma jikkonfigurawx ic-cirkostanzi kontemplati fis-subinciz 3 tal-imsemmijin artikoli, jigifieri li l-Bank kien "tellief f'xi punt tal-kawza jew, meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni ohra tajba".

36. Il-Bank ikompli jrribatti bil-mod segwenti:

> "Illi l-Bank josserva illi minhabba obbligi ta' protezzjoni ta' *data* huwa ma setax jghaddi lil Saviour Borg dettalji tal-kont ta' huh Ignatlus. Il-Bank pero' ta lil Saviour Borg l-informazzjoni necessarja, u cioe' illi huh Ignatius kellu jaghti somma ferm oghla mill-ammont garantit minn

> Saviour Borg u li allura Borg kellu jhallas ai termini tal-garanziji illi huwa ta….. Saviour Borg messu pprova jgib informazzjoni ulterjui minghand huh, li lilu kien irrilaxxa prokura u li tieghu ghazel li jkun garanti. Il-Bank appellat m' ghandux jitqies responsabbli tal-fatt illi Saviour Borg seta' kellu xi jghid jew inkella tilef il-kuntatt ma' huh".

37. Din il-Qorti taqbel mar-risposta tal-Bank ghal dan l-aggravju u ma tarax lok ta' aktar kumment fir-rigward.

38. Ghaldaqstant tqis dan l-aggravju mhux gustifikat u qed tichdu.

<u>Decide</u>

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb